



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Settembru 2023 – Vlad Magic

(Kawża C-230/22)¹

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Indikazzjoni tar-raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tar-rabta bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli – Preċiżazzjonijiet insuffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta”

1. *Domandi preliminari – Ammissibbiltà – Domandi magħmula mingħajr preċiżazzjonijiet suffiċjenti dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' risposta għad-domandi preliminari – Assenza ta' rabta bejn it-tilwima fil-kawża prinċipali u d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni msemmija fid-domandi preliminari – Inammissibbiltà manifesta*

(Artikolu 267 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 53(2) u 94)

(ara l-punti 15 sa 18, 20, 22 u 25, u d-dispożittiv)

2. *Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Talba għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Assenza ta' indikazzjoni tal-punti ta' rabta mad-dritt tal-Unjoni – Inammissibbiltà manifesta*

(Artikolu 267 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 51(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 53(2))

(ara l-punti 23 sa 25, u d-dispożittiv)

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Lehliu-Gară (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Lehliu-Gară, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2021, hija manifestament inammissibbli.

¹ ĠU C 368, 26.9.2022.